**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 236/2016**

**World Water Fisheries Limited (C-24129)**

**vs**

**Ovidio Limited (C-66417)**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2017**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà rikorrenti permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet lis-socjetà intimata:

> Thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tmint elef mitejn u tnax-il Ewro u tmintax-il Ewro centezmu (€8,212.18) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lilek fuq ordnijiet tieghek stess li baqa' ma thallasx;
>
> Minkejja li ga gejt interpellata sabiex thallas il-pendenzi tieghek inkluz permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Lulju 2016 (ara l-ittra

legali ezebita u mmarkata 'Dok A), u minkejja diversi weghdi ta' hlas, inti bqajt inadempjenti ghajr ghal pagament wiehed akkont ta' erba' mija u seba' Ewro u hamsin Ewro centezmu (€407.50) maghmul fis-26 ta' Novembru, 2015;

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Bl-ispejjez kollha kontrik inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors. Qieghda tigi ukoll minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjetà intimata ma prezentat l-ebda risposta.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 gew prezentati l-kapitoli kontra s-socjetà intimata u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' intimata baqghet ma dehritx biex tikkontesta l-istess kapitoli.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' intimata hija kontumaci stante illi, minkejja li debitament notifikata kif jirrizulta mill-process a folio 14A et sequitur u folio 19 et sequitur, mhux biss ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet tas-socjetà

rikorrenti izda wkoll naqset milli tidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

Illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 gew prezentati l-kapitoli kontra s-socjetà intimata u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni;

Illi s-socjeta' intimata baqghet ma dehritx biex tikkontesta l-istess kapitoli u ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur